Kumitat Festi Esterni
Sta. Venera V.M.
A.D. 1971

# Ħamsa u Għoxrin Sena ta' Ħidma Fejjieda u bla Heda 1971 - 1996

Kitba: Stanley Spiteri

## Daħla

Il-bniedem hi fin-natura tiegħu li jħobb jiċċelebra xi anniversarju importanti fil-ħajja tiegħu. Irid u ma jridx, l-anniversarju jfakkru fil-ħidma l-imgħoddija u x'ġid ħa f'dik il-medda ta' żmien li tkun għaddiet minn fuqu. U huwa proprju dan li din is-sena f'Santa Venera qegħdin infakkru - l-anniversarju ta' 25 Sena ta' ħidma fejjieda li rnexxielu jwettaq il-Kumitat Festi Esterni Santa Venera li minn ċerta nagħsa li kienet għaddejja minnha l-festa fir-raħal tagħna, splodiet f'qawma tal-għaġeb li biddlet il-festa mil-lejl għal nhar! Dan kollu jixhduh il-Vendriżi u dawk li jgħammru madwar ir-raħal tagħna għax trid tkun altru agħma biex ma tintebaħx bil-progress kbir li għaddiet il-festa f'dawn l-aħħar snin. U bla dubju l-mertu ewlieni ta' dal-progress jingħata lil dan il-Kumitat li b'organizzazzjoni kbira rnexxielu jagħti ċertu ritmu u identita' lill-festa tar-raħal tagħna.

## Il-festa fil-bidu tas-Seklu 20

Ir-raħal ta' Santa Venera fil-limiti ta' Birkirkara u l-Ħamrun ilu jeżisti ħafna snin. Il-knisja parrokkjali (l-antika) bdiet tinbena fl-1659 u fis-sena 1918 Santa Vendra ġiet imwaqqfa bħala parroċċa taħt it-tmexxija pastorali tal-patrijiet tal-Karmnu.

Fil-kalendarju tal-Knisja, il-festa kienet tiġi nhar is-26 ta' Lulju u r-raħal - li ġa kien jagħmel speċi ta' festa qabel ma' ġew il-Karmelitani fl-1912 - beda jiċċelebra l-festa l-Ħadd ta' wara din id-data. Kien ikun hemm tlitt ijiem Tridu b'quddiesa fis-6.30 am imqaddsa minn Dun Ġużepp "Ta' Klement" mir-Rabat li kien il-prokuratur tal-Knisja. Lejlet il-festa kien isir għasar bil-vuċijiet u tingħata l-Barka Sagramentali. Imbagħad nhar il-festa kienet issir Quddiesa Kantata li kienet titmexxa mill-Kanonċi tal-Kapitlu ta' Birkirkara. Ħaġa kurjuża kienet li l-paneġierku ma kienx isir fil-quddiesa, iżda wara l-kantata n-nies kienet toħroġ barra fil-misraħ żgħir ta' quddiem il-knisja u tinxteħet għad-dell ta' sitt siġriet kbar tal-lila li kienu jdawru l-misraħ u jisimgħu l-paneġierku li kien isir minn fuq iz-zuntier tal-knisja. Wara nofs in-nhar kienet issir il-Kurunella u tingħata l-Barka Sagramentali.

**Festa folkloristika**



*Il-purċissjoni nhar Santa Venera fl-imgħoddi.*

Il-festa f'ġieħ Santa Venera kienet mimlija folklor. Minn lejlet il-festa kmieni, kienu jintramaw mat-triq li tieħu għall-knisja, għadd ġmielu ta' karrettuni ta' l-idejn mimlijin b'ġugarelli li jolqtu lit-tfal: żwiemel ta' l-injam jiġru fuq ir-roti, għamara tal-pupa ta' kull lewn, irdieden tar-riħ, statwi tat-tafal ta' bosta qaddisin u tant oġġetti oħra. It-toroq kienu jinxtegħlu bil-lampi taż-żejt ta' kull lewn. Il-faċċata tal-knisja kienet tinxtegħel f'ħuġġieġa waħda b'dawn il-lampi mlewna. Ma' nżul ix-xemx in-nies kienet tinżel bit-torċi f'idejha mal-Banda tat-Tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp sal-misraħ ta' quddiem il-knisja.

In-Nies ta' madwar - l-aktar il-Qriema - kienu jitilgħu bi ħġarhom u kienu jdumu sa tard bil-lejl. Barra d-daqq ta' din il-banda tat-tfal u ta' xi oħra li x'aktarx kienet tkun mill-Ħamrun, in-nies kienet tħobb ħafna tisma' l-għana, akkumpanjat bid-daqq tal-kitarri. Naturalment il-logħob tan-nar ma kienx nieqes.

F'jum il-festa kienet issir fiera kbir il-ġnien tal-kunvent (fejn illum inbena Mount Carmel College). Kienu jitilgħu ż-Żwieten fuq karettuni mżejna u b'xi kitarra jew żaqq jew xi tambur u kienu jagħmlu għors sħiħa. Wara li tispiċċa l-banda dawn kienu jagħtuha għall-għana sa tard bil-lejl.

Il-Luogu Tenet Gvernatur, li kien joqgħod f'Casa Leone, kien jinteressa ruħu ħafna fil-festa. Kien jattendi għall-funzjonijiet tal-knisja u jgħin finanzjarjament. Martu kienet irregalat ukoll it-tapit ta' l-artal maġġur.

Billi s-26 ta' Lulju l-Knisja wkoll kienet tfakkar il-festa ta' Sant'Anna (li

kien hawn devozzjoni kbira lejha f'dak iż-żmien) allura n-nies kienet tħawwad dawn iż-żewġ festi. Infatti fil-pittura ta' l-artal maġġur ta' Santa Venera nsibu n-naħa ta' fuq, ix-xbiha wkoll ta' din il-qaddisa. In-nies kienet tara li dawn iż-żewġ qaddisin kienu jaqblu bħala żewġ eżempji tal-ħajja tan-nisa nsara: Anna bħala Omm u Vendra bħala xebba. Anki fl-għana reliġjuż dawn iż-żewġ qaddisin kienu jissemmew flimkien. Il-Kavalier Raphael Bonnici Cali' jsemmi din l-istaffa ħelwa:

*X'Xorti kellha dik Sant'Anna*
*Li Ġesu' jgħidilha nanna;*
*X'Xorti kellu San Ġwakkin*
*in-nannu minn tal-Bambin;*
*U l-għarusa tal-Bambin*
*Il-Qaddisa tal-Vendrin.*

*L-eremiti llum spiċċaw*
*flokhom aħna nixxalaw,*
*nixxalaw u nistagħnaw*
*biex ikun kulħadd kuntent;*
*Xjuħ u żgħażagħ ferħanin,*
*b'dan il-misraħ tal-Vendrin*

Hi ħaġa minn ewl id-dinja li xejn ma jsir b'xejn. Bla dubju wieħed ma jistax iħalli barra n-nies bħall-aħwa Ċensu u Xandru Farrugia li flimkien ma' Majsi Dalli kienu jaħdmu n-nar; u dawn flimkien ma' Nikol Buttigieg u Karmenu Borda kienu jaħsbu għall-ġbir tal-ispejjeż tal-festa.

**Il-Festa fil-bidu tas-Snin Sittin**

Jidher li fi tmiem is-snin ħamsin kien jeħtieġ li jsir xi ħaġa biex il-festa tqum fuq saqajha. Armar kien hawn ftit li xejn u dan kien jintrema minn Ġużi Mallia ('Il-Bomba') u Fredu Cachia. Il-ġbir kien isir minn Pawlu Attard, Karmnu Attard u minn Manwel Cachia.

Il-komunita' Karmelitana kienet responsabbli biex tagħżel hi minn fostha l-prokuratur tal-festa u lilu tagħtih ir-responsabbilta' ta' kollox biex issir il-festa. Fl-1960 il-komunita' għażlet bħala prokuratur lill-Patri Rentao Valente O. Carm.

Patri Renato kien għadu ġej minn barra b'ideat friski. Mill-ewwel ried iqajjem il-festa u ried joħloq grupp ta' żgħażagħ volontieri biex jgħinuh. Mar sab lil Frans Coleiro u lil Johnny Zammit u talabhom biex jgħaqqdu grupp ħalli jibdew jorgannizaw festa xierqa lil dan ir-raħal. Ma' dawn ingħaqdu Nenu u Alfred Cachia, Ivo Aquilina, Indri Ellul u ħafna żgħażagħ li għadhom imorru l-iskola. Armar kien hawn biss xi pavaljuni ta' l-injam u l-landa maħdumin minn Lolly Aquilina li kienu jintramaw fi Triq il-Lunzjata,

xi bandalori fil-Misraħ Santa Venera u fi Triq Irjali. Dawn ħetuhom Gerita Zammit, Tonina Borda fuq disinji ta' Patri Raphael Caruana u Frans Coleiro. Kienet tgħinhom ukoll is-Sinjura Muliett. Patri Renato qabbad lil Frans Coleiro biex ipitter il-bandalori ta' Triq Irjali b'xi qaddisin. Dawn tpittru fid-dar ta' Frans stess. Biex jinxfu kien idendilhom fil-kċina b'bintu tibża' tidħol hemm ġew minħabba d-daqs tal-figuri. Sar sett ta' ħames pavaljuni fuq l-istess disinn ta' Strada Rjali għal Triq Imsida.



*Voluntieri quddiem il-Knisja Parrokkjali wara l-ikla tal-Festa.*

Dawn iż-żgħażagħ volontieri kienu jiltaqgħu fil-ġnien tal-kunvent (fejn illum hemm Mount Carmel College) u hemm kien isir l-ippjanar u l-ħidma b'risq il-festa. Hawn sabu l-għajnuna ta' Ġużi s-Sagristan li kellu l-ħanut ta' mastrudaxxa hemm. Dawn il-volontieri ħasbu għall-ġbir huma u b'hekk sar kollox iċċentralizzat. Il-festa kienet tiddependi minn dan il-ġbir - anki l-ispejjeż tal-knisja kienu jitħallsu minn dawn il-fondi.

F'dak li hu armar dan beda jiżdied. Il-familja ta' Ġuża Zammit bdiet tfassal il-pavaljuni u dawn bdew iżejnu t-Toroq San Ġorġ, Brighella u oħrajn.

In-nar beda jsir bil-kbir. Din is-sezzjoni kienet f'idejn Nenu Cachia. Il-Qriema - li għall-festa ta' Santa Venera kienu jiġu bi ħġarhom mal-Banda San Ġorġ - kienu jgħidu lill-organizzaturi li l-għadd u l-qawwa tal-murtal li l-murtaletti kienu jaħsbuhom ta' Ħal-Lija!

In-nar ta' l-art kien f'idejn Kelinu Delicata li kien hu li ħoloq l-ewwel musketterija bil-kulur. In-nar ta' l-ajru kien f'idejn Duminku Attard, Ninu Gatt, Nenu Cachia, Indri, Pawlu u Gejtu Bugeja, Ġakki Grech u Frans Farrugia.

Dawn il-volontieri ħasbu wkoll biex jibdew il-marċ tal-Ġimgħa u dan kien *a la Venezjana*. Bdew jaħsbu wkoll għall-marċ ta' filgħodu u sabu ħafna oġġezzjonijiet. Riedu li l-familji kollha jkollhom ritratt tal-Qaddisa Santa Venera biex jitqiegħed id-dar jew f'xi gallarija. Din kienet xi ħaġa ġdida, tant li ħafna nies, minn barra r-raħal kienu jaħsbu l-festa tagħna qabel kienet festa tal-Madonna!



*Patri Renato Valente waqt il-briju tal-marċ tal-Ġimgħa.*

Matul is-sena kienu jsiru bosta lotteriji, ħarġiet fil-festi tal-Vitorja, Santa Marija, Ħamis ix-Xirka u x-xalata ta' l-għada tal-festa. Dawn kienu jsiru fi spirtu familjari.

Fl-1962 ix-xitan deffes denbu għax qamet il-kwistjoni politico-reliġjuża u din l-armonija kollha li kien hawn sfaxxat fix-xejn. Meta żżarmat din l-għaqda ta' volontieri, wieħed jista jgħid li l-festa marret għal għajnha!

**It-twelied tal-Kumitat Festi Esterni Santa Venera**

F'Santa Venera beda jinħass li xi ħaġa jeħtieġ li jsir biex issir qawma min-nagħsa ħelwa li kien fiha dan ir-raħal. Beda jinħass demm ġdid ibaqbaq biex il-festa tar-raħal terġa' tieħu ċertu identita' li tagħmel lil kull Vendriż kburi bil-festa tiegħu - mhux moħħu biss f'tal-ġirien!

**Il-Bidu**

Fl-1971 kien prokuratur tal-festa Patri Marjan Farrugia O. Carm li ġa kien ilu sitt snin f'dil-kariga. Dak iż-żmien patrijiet ma kienx hawn fi Triq is-Sillar iżda biss ħdejn il-Knisja l-Antika. Inzerta li l-prokuratur ta' din is-sena kellu jsiefer u l-piż tal-festa waqa' fuq Patri Robert Farrugia u Patri Franġisk Grech. Kif ġie lura Patri Marjan, dan ma riedx ikompli jkun prokuratur. Intgħażel mill-komunita' Patri Robert. Dan aċċetta basta jwaqqaf kumitat li jgħinu. Il-komunita' qablet ma' Patri Robert iżda għamlitlu kundizzjoni li dawk li joħorġu għall-kumitat għandhom jiġu approvati mill-komunita' qabel l-elezzjoni. Din l-idea baqgħet biss għall-ewwel tliet snin.



*Il-purċissjoni ta' Santa Venera għaddejja minn Triq Brighella qabel it-twaqqif tal-Kumitat fl-1971.*

Fit-2 t'Ottubru 1971 iltaqgħu grupp ta' rġiel u ġew indirizzati minn Patri Robert Farrugia bħala l-prokuratur tal-festa. Hu talabhom li jridu jiffurmaw kumitat ta' 10 membri biex jieħdu ħsieb il-festa ta' Santa Venera tal-1972. Filwaqt li ħeġġiġhom biex iżommu l-għaqda bejniethom għall-ġid tal-festa stess, hu talabhom biex darba fix-xahar il-kumitat irid jiltaqa' f'laqgħa li ma teħux

aktar minn siegħa u nofs ... l-aktar jekk ikun hemm bżonn, tiżdied biss nofs siegħa oħra.

F'kull laqgħa jiġi mogħti rendikont mill-Kaxxier u l-flus jinżammu l-bank taħt żewġ firem: dik tal-kaxxier u dik tal-prokuratur tal-festa. Dawk preżenti ftehmu li jaġġornaw għat-30 t'Ottubru 1971 fejn kellhom jiltaqgħu biex jintgħażlu l-uffiċċjali ta' dan il-kumitat ġdid.

**L-ewwel Kumitat.**

Kien il-Ħadd, 30 t'Ottubru 1971 meta saret il-laqgħa biex jintgħażel il-Kumitat ħalli jibda jaħseb bis-serjeta għall-festa 1972. Membri preżenti kienu dawn is-sinjuri: Lorry Pellegrini, Karmenu Mifsud, Duminku Attard, Mikiel Delicata, Fredu Cachia, George Bugeja, John Galea, George Elmer, Karmenu Bugeja u l-prokuratur tal-festa Patri Robert Farrugia O.Carm.

Fuq proposta tas-sur Lorry Pellegrini u ssekondat mis-sur Duminku Attard, Patri Robert Farrugia ġie magħżul biex ikun l-ewwel president ta' dan il-kumitat ġdid. Kulħadd qabel ma' din il-proposta. Wara baqgħu jsiru elezzjonijiet oħra sakemm il-kumitat ġie ffurmat hekk:

| | |
|---|---|
| President | Patri Robert Farrugia O.Carm. |
| Viċi - President | Is-Sur Duminku Attard |
| Segretarju | Is-Sur Karmenu Mifsud |
| Asst. Segretarju | Is-Sur Joseph Giorgio |
| Kaxxier | Is-Sur Lorry Pellegrini |
| Membri | Is-Sinjuri George Bugeja,<br>Freddie Cachia,<br>Karmenu Buġeja,<br>John Galea,<br>George Elmer. |

Il-President wara irringrazzja lil kulħadd u poġġa fuq il-mejda Lm 19.00 li ġew minn Lm 10.00 li kien baqa' mill-aħħar festa u Lm 9.00 li kien ġabar Karmenu Attard sa l-aħħar t'Ottubru. Mela dan il-kumitat beda b'Lm 19.00 f'idejh.

# Kopja tal-Minuti ta' l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Festi Esterni Sta. Venera A.D. 1971

Il lum il Hadd 30 ta' Ottubru saret laqgħa fejn kellu jingħażel il Kumitat.

Kienu Preżenti dawn il membri

P. Robert Farrugia Prokuratur tal Festa.

Is-sur Lorry Pellegrini
Is-sur Carmenu Mifsud
Is-sur Duminku Attard
Is-sur Mikiel Delicata
Is-sur Freddie Cachia
Is-sur George Bugeja
Is-sur John Galea
Is-sur George Elmer
Is-sur Karmenu Bugeja

L-għażla tal President:

Is-sur L. Pellegrini ipproponu lill Patri Robert Farrugia u is-sur D. Attard issekonda l-proposta u kulħadd qabel.

Għalhekk P. Robert Farrugia gie magħżul President.

P. Robert Farrugia ipproponu lil Duminku Attard bħala Vici President u gie is-secondat min Carmenu Mifsud għalekk is-sur D. Attard gie magħżul bħala Vici President.

Għal elezzjoni tas Segretarju is-sur L. Pellegrini ipproponu lis-sur Carmenu Mifsud u gie is-secondat min D. Attard u Freddie Cachia. Għalekk segretarju tal Kumitat gie magħżul is-sur Carmenu Mifsud

Għal post ta Kaxxier gie propost min P. Robert is-sur L. Pellegrini. gie issekondat min Freddie Cachia u oħrajn. Għalekk il Post ta Kaxxier gie mimli mis-sur L. Pellegrini.

Il Kumitat għal din is-sena gie magħżul hekk.

| | | |
|---|---|---|
| President | P. Robert Farrugia O.C. (Prokuratur tal Festa). | |
| Vic Pres. | Is-sur | Duminku Attard. |
| Seg. | Is-sur | Karmenu Mifsud |
| Asst. Seg. | Is-sur | Joseph Georgio |
| Kaxxier | Is-sur | Lorry Pellegrini |
| Asst. Kaxxier | Is-sur | Mikiel Delikata |
| Membri | 1. | G. Bugeja |
| | 2. | F. Cachia |
| | 3 | C. Bugeja |
| | 4 | J. Galea |
| | 5. | G. Elmer. |

Il President wara ċċirkulazzja lill kulħadd. Pogga fuq il mejda il flus li baqa mill l-aħħar Festa £10. u £9. li għaddha Carm. Attard sa l-aħħar ta Ottubru u dawn gew mogħtija lill Kaxxier

Il laqgħa spiċċat fil 11·30 AM bit talba ta l-aħħar.

C. Mifsud
Segretarju 20/11/71

Fr Robert J Farrugia O.Carm
President
20/11/71.

**Sotto Kumitati.**

Meta l-kumitat il-ġdid iltaqa' nhar l-20 ta' Novembru, 1971 dan ħatar tliet sotto kumitati. Dawn kienu hekk:

| | |
|---|---|
| *Sotto Kumitat Baned* | *P. R. Farrugia O.C., C. Mifsud u L. Pellegrini* |
| *Sotto Kumitat Nar* | *M. Delicata, D. Attard u K. Bugeja* |
| *Sotto Kumitat Tiżjin* | *F. Cachia, J. Giorgio u G. Elmer* |

Barra dan kulħadd qabel li l-*budget* għall-festa li jmiss għandu jkun Lm 900.00.

Ħaġa ta' min wieħed jgħid hi li dal-Kumitat beda tajjeb fuq sieq soda għax barra li l-membri kellhom il-ħeġġa u l-ispirtu Vendriż fihom, xi wħud minnhom ġa kellhom esperjenza fil-kumitat tal-Banda Santa Venera li ġa kienet għalqet seba' snin imwaqqfa. Barra minn dan il-Kumitat Banda Santa Venera kien jagħti l-permessi tiegħu biex bihom il-kumitat il-ġdid tal-Festi Esterni jkun jista' jorganizza tombli u lotteriji biex jinġabru l-flus għall-festa. Dan mill-ewwel ta' wieħed x'jifhem li la kien hemm l-armonija tajba bejn iż-żewġ kumitati, bil-fors li ser ikun hemm suċċess fil-festa li jmiss!


*P. Robert Farrugia jippreżenta trophy lill-President tal-Banda Sta. Venera Dr. M. Azzopardi.*

Patri Robert Farrugia O.Carm. dam jiġi elett sal-festa tal-1977. Minn fost il-membri tal-kumitati ta' dak iż-żmien, illum m'għadhomx magħna ż-żewġ Viċi - Presidenti s-Sinjuri Duminku Attard u Jerry Sant li l-Mulej sejħilhom għal għandu.

## Element Żagħżugħ mill-1978 'l hawn

Fil-Kumitat il-ġdid tal-1978, wieħed jista' jara element żagħżugħ imdawwar mal-Prokuratur ġdid tal-festa l-Kappillan Patri Franġisk Grech O.Carm. Dan l-element żagħżugħ immexxi mis-Sur Karmenu Baldacchino u megħjun minn membri adulti b'esperjenza kbira, kien il-bidu tal-frott li qegħdin naraw illum. Bil-mod il-mod l-element anzjan - li bix-xorti kien hu li ta pedament sod lill-ewwel kumitati tal-festa esterna - beda jmajna u bdiet dieħla l-ħeġġa aktar żagħżugħa. Dil-ħeġġa bdiet ixxettel ħaġa li mhux kulħadd beda jaraha tinbet (jew għax forsi ma riedx) - l-identita' lejn ir-raħal u l-festa tiegħu.



*Il-Kumitat tal-1978 bis-Sur C. Baldacchino bil-qegħda t-tieni mil-lemin; is-Sur C. Muscat jidher bil-wieqfa fin-nofs*

## Identita' ġenwina

L-element żagħżugħ li beda jinfiltra fil-Kumitat u fil-*helpers* tiegħu beda jżid aktar fid-dieher l-identita' lejn ir-raħal ta' Santa Venera. L-istorja kulħadd jafha li moħħ il-Vendriżi kien aktar fil-festa tal-ġirien milli f'dik tiegħu. U barra dan, il-ħafna Vendriżi li kienu jinżlu villeġġjatura, kienu x'jaqgħu u jqumu mill-festa tar-raħal. Bosta drabi lanqas flus ma kienu jagħtu għax "aħna lanqas inkunu hawn għall-festa!"

Dan l-element żagħżugħ kellu ħaġa waħda fih - kienu mkabbrin li huma Vendriżi! Dil-ħaġa bdiet tixxettel fit-tfal ta' dak iż-żmien li llum bosta minnhom insibuhom b'ruħhom u b'ġisimhom fid-diversi kumitati ta' għaqdiet kulturali u sportivi f'Santa Venera. F'dan iż-żmien jew ftit qabel kienu nqalgħu xi kwistjonijiet biex ikomplu jsaħħu l-identita' tar-raħal. Fost dawn kien hemm li l-istandard tal-Banda Sta. Venera għandu jkun isfar u blu -

l-ilwien tar-raħal. Kien f'dan iż-żmien, speċjalment l-insistenza tas-Sur Charlie Muscat, li l-istituzzjonijiet f'Santa Venera ma kellhomx jibqgħu jġibu fl-indirizz tagħhom Ħamrun, iżda Sta. Venera għax huma hawn, fir-raħal tagħna, huma stabiliti!

**Aħna ta' l-Armar**

Dan il-Kumitat beda jaħseb biex iżid bil-mod il-mod l-armar. Armar ftit li xejn kien hawn, Karmenu Baldacchino ħaseb mill-ewwel biex jibda jarma Triq iż-Żonqor. Il-Kumitat tal-1978 ħaseb biex iżid fid-disinji ta' Misraħ il-Barrieri, li kienu magħmulin mill-injam u l-landa. Dawn saru fuq disinn ta' Karmenu Baldacchino. Għal Triq Imsida nbeda sett ta' pavaljuni ġodda li nġabru mir-residenti ta' l-istess triq. Dawn ġew iddisinjati minn Karmenu Baldacchino u x-xogħol u t-tfassil tal-ħjata kienu tas-Sinjura Lina Carbonaro. Dawn ħadu post id-disinji ta' l-injam fuq disinn ta' Raymond Scerri. Din l-idea li kulħadd jibda jiġbor għat-triq tiegħu bdiet dieħla f'moħħ ir-residenti. Sadanittant in-nies bdiet tidra tara ċorma tfal u żgħażagħ kollha għalenija jaħdmu fix-xmux u fl-istess waqt imkabbrin għax *"Aħna ta' l-Armar"!*

**Prokuratur ġdid tal-Festa**

Fil-Kumitat tal-Festa 1979 l-element żagħżugħ baqa' joktor. Din id-darba anki l-prokuratur tal-festa kien żagħżugħ għax il-Kappillan Patri Franġisk Grech O.Carm. (li kien il-prokuratur wkoll) inbidel wara tnax-il sena kappillan u floku nħatar Patri Joseph Falzon - saċerdot żagħżugħ b'mentalita żagħżugħa.



*Il-Kumitat tal-1979 fejn jidhru ż-żewġ Kappillani.*

**Kumitat wieqaf**

Meta wieħed iqalleb il-minuti tal-Kumitat tas-snin 1982/83 u 1983/84 ma jsib ebda rekord ta' dawn is-snin. Mix-xeħta kien hemm xi nuqqas ta' qbil bejn il-Komunita u forsi l-Kumitat. Pirjol kien Patri Samwel Abela O.Carm. u President tal-Kumitat kien Bro. Michael Rapinett O.Carm. Jien u nqalleb il-minuti ta' l-ewwel laqgħa tal-Kumitat il-ġdid għas-sena 1982, liema laqgħa saret fis-7 ta' Settembru 1981, insib li l-President Bro. M. Rapinett faħħar ħafna lill-Kumitat ta' qabel u lil dawk li għenuh għas-sehem tagħhom għas-suċċess tal-festa 1981. Huwa <u>*"awgura li din is-sena bħala kumitat, għandha nagħmlu festa kbira tal-padruna tagħna Sta. Venera"*</u>. Hu żied jgħid li l-Pirjol Patri Samwel Abela O.Carm. aċċetta li l-Kumitat tal-Festa <u>*"jieħu ħsieb u jużа dan il-lokal (Chateau Lonz) għal ħtiġijiet kollha tal-festa u biex jitrawmu żgħażagħ oħra, biex jikber l-ispirtu tal-festa, b'mod speċjali fost iż-żgħażagħ"*</u>.

It-tieni laqgħa ta' dal-Kumitat saret erbat ijiem wara, jiġifieri fil-11 ta' Settembru, 1981 fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ. Il-President talab is-sospensjoni tar-regolamenti biex il-Kumitat jaħtar lill-Pirjol Patri Samwel Abela bħala Direttur Spiritwali taċ-Ċentru, u biex jekk dan jiġi approvat, jidħol immedjatament f'dik il-laqgħa. Il-kumitat qabel ma' dan kollu. Għalhekk Patri Samwel attenda għal din il-laqgħa mill-ewwel. Wara xi avviżi li saru, il-Pirjol talab biex jitkellem, *"fejn xtaq li jiċċara xi affarijiet li jirrigwardjaw iċ-Ċentru Żgħażagħ Ġuvintur (AKM)"*. Huwa kompla hekk (skond il-minuti): *"... dan iċ-Ċentru jista' jintuża biss mill-Għaqda tal-Azzjoni Kattolika Ġuvintur, u għaldaqstant ma setax jintuża bħala Ċentru tal-Kumitat tal-Festa Esterna. Barra minn hekk, il-Komunita kienet iddeċidiet f'waħda mil-laqgħat tagħha li ma tridx kumitat tal-Festa iżda helpers volontarji. Wara diskussjoni daqsxejn imqanqla, il-Prokuratur tal-Festa Sta. Venera, Bro. Michael Rapinett iddikjara l-Kumitat tal-Festa 1982 xolt."*

Meta wieħed jifli sew dawn il-minuti ta' din l-aħħar laqgħa wieħed jistaqsi: X'kienet tassew ir-raġuni għala l-Pirjol Patri Samwel Abela O.Carm. attenda għal din il-laqgħa? X'ġiegħel lil Bro Michael Rapinett (President u Prokuratur tal-Festa) meta erbat ijiem qabel tant faħħar lill-Kumitat, biex imbagħad kien kostrett li jxoljih? X'ġiegħel lill-Komunita Karmelitana ma tridx Kumitat tal-Festa? U għala l-minuti ta' din il-laqgħa ġew iffirmati mill-Pirjol Patri S. Abela u mhux mill-President tal-Kumitat Bro. Michael Rapinett ... u terġa b'data żbaljata flok fil-11/9/81 hemm imniżżel 14/9/81?

Biss individwu importanti dejjem midħla ta' dawn il-Kumitati għal dawn l-aħħar sittax-il sena qalli li kien sema' lill-Kappillan Falzon jgħidlu li l-Provinċjal ta' dak iż-żmien qallu biex il-Kumitat ikun xoljut "*għax kunventi oħra tagħna m'għandhomx kumitati u l-festi xorta waħda mexxew!*" Biss dan ix-xoljiment deher biss fuq il-karta għax iż-żgħażagħ xorta waħda baqgħu magħqudin bis-saħħa tas-Sur Joe Abela u tal-Kappillan Falzon. Dawn it-tnejn żergħu armonija kbira fil-membri u x-xogħol tagħhom *"minn taħt"* ta frott għammiel għax bosta toroq, kif se naraw 'il quddiem, inksew bil-pavaljuni f'dawn is-sentejn li ma kienx hemm Kumitat. Tajjeb li wieħed iġib din is-silta mill-fuljett "Santa Venera" ta' Lulju/Awwissu 1984:
"*Biex taqbad issemmi lil kull min qed jgħin mhux faċli iżda biżżejjed li wieħed jasal wasla saċ-Ċentru Parrokkjali u jara b'għajnejh l-ispirtu u l-ħeġġa li bih qiegħed isir ix-xogħol biex fil-jiem tal-festa, flimkien mal-Baned, nuru l-ferħ tagħna lejn Sta. Venera".*



*Il-marċ ta' filgħodu nieżel minn Triq il-Kbira San Ġużepp qabel ma saru l-pavaljuni l-ġodda.*

Meta wieħed iħares lejn il-lista tal-Kumitat Festi Esterni tal-1981 isib li n-numru ta' membri kien dak ta' sittax. Meta reġa beda jiffunzjona mill-ġdid il-Kumitat għall-festa 1985, wara li kien miet il-Provinċjal Patri Manwel Gatt O.Carm. f'Marzu 1985, isib li Prokuratur kien il-Pirjol Patri Pierre Tumas Gatt u l-membri naqsu għal għaxra. Fost il-membri l-ġodda minn dak tal-1981 insibu s-sinjuri: Kevin Abela, Sandro Muscat, Ray Formosa,

Edmond Sciberras, Charlie Muscat, Alex Grech u Mario Coleiro. Ma' dawn inżidu lis-Sur Michael Zerafa li baqa' mill-Kumitat tal-1981. Dawn mill-ewwel intefgħu biex jerġgħu jkomplu jagħtu spinta għall-ħidma ta' qabel u biex iżidu fil-membri u l-poplu, il-ħeġġa lejn il-patrimonju Vendriż.

## Pavaljuni għal Triq il-Kbira San Ġużepp

Il-ħolma ewlenija tal-Kappillan Patri Ġużepp Falzon kienet li jagħmel sett ta' ħdax-il pavaljun għal Triq il-Kbira San Ġużepp. Ħafna ħasbuh li tassew qed joħlom għax rawhom impossibbli. Kien hemm min qal: "Ma għamluhomx tal-Ħamrun, ser nagħmluhom aħna?" Dik mentalita!

Il-Kappillan kellu għaqda sħiħa ta' żgħażagħ, miżżewġin u tfal li baqgħu jgħinuh anki fil-ġbir. Huwa talab lil Mario Coleiro, Andreas Bugeja u Joe Abela biex ifasslu disinn kull wieħed. Iż-żewġ disinji ta' Mario Coleiro u Joe Abela ġew elaborati u b'hekk ħareġ id-disinn sabiħ li hemm illum. Patri Falzon ħa d-disinn għand is-Sur John Zammit tal-Belt u dan ħadem l-ewwel wieħed. Fl-1984 għall-festa żżanżnu l-ewwel tliet pavaljuni. Dawn inġabru minn Lucy Magri, megħjuna minn xi nies oħrajn. Fil-Festa tal-1985 saru ħamsa oħra. Erbgħa minnhom tħallsu mis-Sinjuri Frans Portanier, P. Gullaimier, J. Ciscaldi u J. Pace. Fl-1986 saru tlieta oħra u b'hekk intemm is-sett kollu.



*L-ewwel pavaljuni għal Triq Qormi.*

Sadanittant fl-1984 iżżanżnu pavaljuni fi Triq is-Sillar (illum Triq il-Parroċċa) fuq disinn ta' Mario Coleiro u ħetithom is-Sinjorina Priscilla Briffa. Triq il-Brunżar saru mill-istess individwi. Triq il-Kardinal Sciberras ħetithom is-Sinjura Ġina Saliba fuq id-disinn l-antik. Triq il-Qalb Imqaddsa saru fuq disinn ta' Karmenu Baldacchino u l-ħjata

minn Olympia Micallef - miġbura minn Nina Mangion u Doris Grech. Triq it-Turretta saru fuq disinn ta' Andreas Bugeja u ħetithom ommu stess is-Sinjura Miriam. Triq Qormi d-disinn ta' Mario Coleiro u l-ħjata minn Mary Zammit. B'hekk f'dawn is-sentejn *"bla Kumitat"* Santa Venera nksiet pavaljuni li libbsu b'mod ferrieħ lil raħal tagħna.

## Xogħol il-Kumitat mill-1985 'il quddiem

Għas-sena 1985 sar ħafna xogħol wara li reġa' ġie stabbilit *"fuq il-karta"* jew b'mod formali l-Kumitat kif ġa rajna. Saret l-istatwa ta' Malta u kolonna għaliha. Iżda l-aktar ħaġa importanti kienet ir-restawr tal-vara titulari ta' Santa Venera. Il-vara kienet ġiet miżbugħa minn Patri Rafel Caruana O.Carm. Dan kien biddlilha l-kulur oriġinali li żebagħha bih Karmenu Mallia li kien għamilha. Terġa' fl-1960 Johnny Galea kien żebagħ il-mant u l-karnaġġjon. Għalhekk fis-6 ta' Marzu, 1985 ingħata bidu għal dan ir-restawr billi l-vara ttieħdet iż-Żejtun għand ir-restawratur Manwel Zammit u dan reġa' ta' l-kuluri li kellha ħamsa u sittin sena qabel. Il-Vara nġiebet lura Santa Venera nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Lulju u tqiegħdet ġo maħżen fi Triq Imsida. Imbagħad is-Sibt, 20 ta' Lulju - jum il-ħruġ min-niċċa għall-festa 1985 - il-vara tieħdet proċessjonalment fost il-ferħ tal-Kumitat u tal-Vendriżi. Ir-restawr tal-vara sar fuq l-inizjattiva tal-Kappillan Patri Joseph Falzon u tal-Pirjol P. Pier Tumas Gatt O.Carm.

F'din is-sena wkoll, il-programm stampat għall-festa beda joħorġu l-Kumitat u dan kien f'idejn is-Sur Charlie Muscat li kien Asst. Segretarju.



Fl-imgħoddi dan kien joħorġu Patri Mawel Gatt O. Carm. imbagħad għamel xi żmien joħorġu l-Kappillan, sakemm dan issa għadda kompletament f'idejn il-Kumitat Festi Esterni. Barra dan, skond il-minuti, fir-rapport tas-Segretarju 1985 - 86 bdiet il-kariga tad-Direttur tan-Nar u dan kien is-Sur Alex Grech.

Għall-festa tal-1986 sar ir-restawr u l-induratura tal-pedestall ta' Santa Venera. Is-somma ġmielha nġabret mill-membri tal-Kumitat Charlie Muscat u Silvio Vella kif ukoll minn Freddie Cachia. Barra minn dan kienet l-ewwel darba li l-programm tal-festa kellu l-qoxra ta' barra bil-kulur. Din is-sena tkomplew il-pavaljuni ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, kif ukoll dawk ta' Triq San Ġorġ u Triq il-Ferrovija l-Qadima. Inbdew dawk ta' Triq Vivion u Triq il-Fanali. F'dak li huwa baned żdied il-marċ tal-Ħamis fejn il-Kumitat Festi Esterni ġab il-Banda Karkariża Duke of Connaught.

### Attivitajiet Kulturali u Soċjali

Matul is-sena l-Kumitat kien jorganizza ħafna attivitajiet b'risq il-Festa. Dawn l-attivitajiet illum tista' tgħid li saru tradizzjoni fil-ħajja tar-raħal tagħna, bħal ngħidu aħna l-Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli li saret popolari u li kienet nbdiet fis-sena 1984, il-Bazaar tal-Milied u tal-Għid, id-Dinner Dance tal-Milied u ta' l-Aħħar tas-Sena kif ukoll dak tal-Għid, serata divertenti ta' Jum l-Omm. Barra minn dawn saru popolari ukoll xi Spaghetti jew Fish Night, xi Lejla Maltija u organizzazzjoni ta' diversi privates għall-festi bħal ta' San Martin, il-Vitorja, għas-Seba' Viżti, Santa Marija, għal Għawdex, kif ukoll għax-xalata tal-festa. Fil-Milied tal-1993 il-Kumitat kien ħaseb ukoll biex xegħel Triq il-Kbira San Ġużepp li tat tassew aspett sabiħ għal dawk il-jiem tant ferrieħa.



*Triq il-Kbira San Ġużepp armata għall-Milied 1993.*

*Tkompli f'paġna 77*

Iżda fost l-aktar attivita mfittxija mill-Vendriżi huma l-Ballijiet tal-Karnival li huma mifruxa fuq sitt ijiem. Fl-1991, waqt wieħed minn dawn il-Ballijiet, żarna għal għarrieda Mr. Henk Ferdinand von der Kroon li kien il-President tal-*Foundation of European Carnival Cities.* Huwa kien baqa' impressjonat bit-tiżjin mill-isbaħ tas-sala li skond huwa, kienet l-isbaħ waħda li ra f'Malta. Tant għoġbitu l-atmosfera li ra, li l-għada reġa' żar is-sala u ppreżenta lill-Viċi President tal-Kumitat is-Sur Michael Zerafa, il-midalja uffiċċjali tal-*Foundation of European Carnival Cities.*

**Festi Kbar f'Għeluq it-Tliet Mitt Sena tal-Bini tal-Knisja Parrokkjali.**

Fl-1988 il-Knisja l-Antika għalqet tliet mitt sena mill-bini tagħha, għalhekk kien xieraq li jsiru festi kbar għal dan l-avveniment importanti. Il-Kumitat ta' dik is-sena kien fih sittax-il membru bil-President tiegħu l-Kappillan il-ġdid Patri Damjan Cachia O.Carm. L-ex-Kappillan Patri Joseph Falzon O. Carm. kien inħatar President Onorarju tal-Kumitat Festi Esterni. Wara li twaqqfet Kummissjoni biex tieħu ħsieb dan l-avveniment, il-Kumitat ħaseb għal dawk l-affarijiet li kien se jagħmel hu. Ingħata bidu għall-proġett tassew ambizzjuz - dak ta' għoxrin anġlu għal Triq il-Kbira San Ġużepp u magħhom bdew jinħadmu wkoll il-pedestalli u l-linef. Il-pedestalli saru mis-Sur Michael Zerafa fuq disinn ta' Mario Coleiro u l-linef minn Silvio Vella u bosta voluntiera oħra. L-iskultura tan-nofs tal-panewijiet saret minn Edmond Sciberras. L-anġli huma ta' Renzo Gauci minn Ħal Tarxien.


*Anġlu minn sett ta' għoxrin għal Triq il-Kbira San Ġużepp*

Għal dawn il-festi sar sforz ukoll biex tlestew is-settijiet tal-pavaljuni kollha li kien hemm. Il-marċi f'din is-sena bdew mill-Erbgħa u b'kollox kien hemm tmien marċi. In-

nar ta' din is-sena kien xi ħaġa mhux tas-soltu u bosta dilettanti Vendriżi għadhom isemmugħ. Il-bosta barranin li żaru Santa Venera baqgħu miblugħa x'ħin raw lir-raħal tagħna kważi kollu miksi bid-drapp. Kienu ħafna li baqgħu skantati bl-entużjażmu li kien hawn. Il-Kumitat b'koperazzjoni assoluta mal-Banda Santa Venera u mal-Komunita Karmelitana, mexxa 'l quddiem il-festa. F'din is-sena wkoll il-Kumitat irregala bandiera b'sinjal ta' ħbiberija lill-President tas-St. Venera Lightnings F.C. kif kien għamel sena qabel lir-Rettur tal-Mount Carmel College, Patri Robert Farrugia O.Carm.

**Il-Kumitat qatt ma ħares lura**

Wara dawn il-festi kbar il-Kumitat qatt ma ħares lura. Beda jkun hemm dħul tajjeb ta' finanzi u l-Vendriżi bdew jikkoperaw bis-sħiħ x'ħin raw il-ħidma fejjieda ta' dan il-Kumitat Żagħżugħ. Beda jinħass li n-nagħsa ħelwa u l-apatija li fihom kienu rieqda l-Vendriżi, issa bdew isiru xi ħaġa ta' l-imgħoddi. Dehret arja friska li ġiegħlet lill-Vendriżi jgħidu: "Dan hu r-raħal *tagħna* ... din hi l-festa *tagħna* ... u *bihom* aħna kburin!". Il-Kumitat beda jsib ħafna għajnuna mill-partitarji li kellu fir-raħal, il-menswalita bdiet kull ma tmur dejjem tiżdied.



*Il-Kumitat 1990 bil-President ġdid is-Sur Harry Peresso bil-qiegħda il-ħames mix-xellug.*

Kbira kien jeħtieġ l-aħjar! L-ewwel bandalora bix-xbiha ta' San Pawl ittellgħet mill-Kappillan Patri Joe Vella O. Carm waqt il-marċ tal-Ħamis, 25 ta' Lulju 1991, quddiem il-bini tal-Knisja l-Ġdida.

Fl-1992 tkompla x-xogħol fuq il-bandalori u fuq l-anġli u pedestalli tagħhom għal Triq il-Kbira. Sar sforz biex jibda proġett ġdid - dak ta' labardi ġodda għall-antarjoli ta' dawn il-bandalori ġodda. Tkompla x-xogħol tal-pavaljuni għat-Toroq Carini u Msida. Inħasset il-ħtieġa li ssir bandalora attraenti għal Triq Ħal-Qormi b'pittura ta' Santa Venera.

**1993: Il-Parroċċa tagħlaq 75 sena**

Is-Sena 1993 kienet sena oħra importanti għall-ħajja tar-raħal tagħna għax għalaqna 75 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna. L-Arċisqof ta' Malta rċieva mingħand il-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II messaġġ speċjali mibgħut għal din l-okkażjoni. Anki l-istess Arċisqof Ġużeppi Mercieca bagħat messaġġ lill-Komunita Ekkleżjali ta' Santa Venera. Il-Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan Fr John Malley - li mhux darba u tnejn iltqajna miegħu f'Santa Venera - bagħat il-messaġġ tiegħu.



*Fr. John Malley, Ġeneral ta' l-Ordni Karmelitan ma' uħud miż-żgħażagħ tal-Kumitat.*

Matul is-sena nżammu bosta attivitajiet spiritwali u reliġjużi, iżda l-festa kienet saret bil-kbir. L-entużjażmu mill-ewwel deher minn Jum il-Ħruġ tal-Vara min-niċċa. Il-Kappillan Patri Joe Vella organizza bil-kbir il-festa tat-tfal - li huma l-mimmi ta' għajnejh! Mijiet ta' tfal telqu mill-parroċċa b'mod ferrieħi sal-Każin tal-Banda Santa Venera. Hemm sabu lill-Banda tar-raħal tistenniehom u wasslithom b'mod ferrieħi sal-Knisja l-Antika. Naħseb qatt ma rajna ħruġ tal-Vara daqshekk sabiħ daqs dak inhar! Wara d-daqq ta' l-Innu u l-vara

lura ġol knisja, tkompla mar-raħal il-marċ. Dik is-sena l-Kumitat ħaseb biex ikollna marċ kuljum matul il-ġimgħa festi. b'kollox kien hemm għaxar marċi.

Għal din is-sena speċjali nħareġ il-programm stampat tal-festa b'mod tassew sabiħ. Barra li kien ta' 112-il paġna, il-kulur u l-artikli ta' interess li kien fih, jagħmluh wieħed mill-isbaħ programmi li ħareġ il-Kumitat. Il-festa kienet qamet lill-Kumitat biss mas-Lm 6,000.

**Estenzjoni ta' l-imħażen**

Barra s-soltu xogħol ta' żidiet fil-bandalori, pavaljuni, żebgħa ta' l-antarjoli etc, il-Kumitat wettaq f'din is-sena speċjali wieħed mill-akbar proġetti li qatt seħħlu jagħmel. Bi ftehim komplet mal-Kappillan Patri Joe Vella O. Carm beda x-xogħol ta' estenzjoni ta' l-imħażen ta' l-armar u t-tkabbir tal-*work-shop* fejn isir ix-xogħol ta' matul is-sena. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fi twaqqigħ ta' żewġ ħitan, ftuħ ta' tieqa li saret bieb kbir, bini ta' ħajt biex qasam dik li kienet tissejjaħ is-sala tat-*talkies*, installazzjoni ta' l-elettriku, tikħil u tibjid ta' l-imħażen kollha, ġie rranġat bieb kbir u kisi ta' l-art bil-konkos. Dal-proġett daħħal lill-Kumitat fi spejjeż kbar mhux tas-soltu, iżda l-aktar ħaġa li spikkat kienet id-determinazzjoni tal-membri u tal-*helpers* li taw saħħithom biex dax-xogħol jitlesta fi żmien tassew qasir.



*Parti mill-maħżen ta' l-armar wara l-estenzjoni.*

## 1994: 75 sena mill-miġja tal-Vara Titulari

Din is-sena l-vara titulari għalqet 75 sena minn mindu daħlet tgħammar ġewwa *darha* fil-parroċċa tagħha. Fil-programm stampat tal-festa 1994 hemm artiklu tassew sabiħ u interessanti miktub mis-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni s-Sur Mario Colerio dwar dak kollu marbut ma' din il-vara. Il-Kumitat - flimkien ma' xi benefatturi - ħaseb biex għal din is-sena speċjali jiġu indurati l-ornamenti tal-vara li kienu għadhom tal-fidda. Għalhekk il-kuruna, il-palma, id-dijadema u s-salib tal-vara ttieħdu għand is-sur Johnny Attard biex jiġu ndurati bid-deheb - liema xogħol sar *gratis* minnu. Biex ikun kollox komplet, is-Sur Joe Cilia - magħruf biżżejjed għall-imħabba tiegħu lejn Santa Venera u r-raħal tagħna - irregala sett sabiħ ta' erba' forċini tal-fidda li nħarġu għall-ewwel darba f'din is-sena.



*Il-Vara Titulari ta' Santa Venera V.M.*

Proġett ieħor sabiħ li ħolom il-Kumitat huwa statwa sabiħa bil-kolonna tagħha għall-marċ tal-Ħamis. Din l-idea kienet ħarġet mil-Laqgħa Ġenerali ta' l-istess Kumitat fejn kienu ntalbu diversi disinji mingħand diversi statwarji. Fil-fatt intgħażel id-disinn tas-Sur Renzo Gauci li ġa kien ħadem l-anġli ta' Triq il-Kbira. Din il-vara kellha tkun lesta għall-Festa tal-1995.



*Is-sett tal-forċini tal-fidda mogħtija mis-Sur Joe Cilia.*

### Għeluq

Din kienet il-medda ta' ħamsa u għoxrin sena ta' storja ta' dan il-Kumitat Festi Esterni. Dik iż-żerriegħa li żera' Patri Robert Farrugia O.Carm. f'Ottubru tal-1971 żgur tat il-frott. Forsi lanqas hu stess ma ħaseb li se jkollu siġra daqshekk b'saħħitha.

Jiena nara li f'dan il-Kumitat spikkaw fih id-determinazzjoni, sagrifiċċji, rieda tal-azzar ... u fuq kollox l-ispirtu Vendriż. Iż-żgħażagħ xebgħu jaraw lil sħabhom Vendriżi jkunu l-lagħqa ta' ħaddieħor. Riedu juru li l-ewwel għandek tieħu ħsieb darek imbagħad tħares lejn tal-ġar. U biex dan iseħħ huma ħarsu ħarsa madwarhom u biddlu darhom mil-lejl għan-nhar. Huma ftakru li familja mfarrka ma tħallix ġid u għalhekk, biex ikollhom l-armonija ġewwa darhom, fittxu sew li l-għaqda ta' bejniethom ma jxellifhielhom ħadd! Jiena nara li dan kien is-sigriet ta' kollox - l-għaqda.



*Membri tal-Kumitat u Dilettanti tan-Nar joffru bukketti b'ringrazzjament lil Santa Venera V.M.*

Il-Kumitat Festi Esterni ta' Santa Venera għandu merti kbar u dan il-poplu Vendriż jafu u ma jistax jiċħdu! Fin-nisġa ta' ħamsa u għoxrin sena ta' storja kienu l-mijiet li taw sehemhom. Niskuża ruħi ma dawk li jien ma semmejtx għax mhux dejjem sibt l-iswed fuq l-abjad meta qallibt għat-tagħrif. Għal dan is-suċċess kulħadd ta sehmu u kull wieħed u waħda li messew ma' dan il-Kumitat, kellhom għan wieħed x'juru, u dan kien li l-ħidma tagħhom kienet ħierġa mill-qalb b'risq raħalhom Santa Venera.

Illum il-Kumitat laħaq ħafna mill-għanijiet tiegħu. Iżda xorta waħda għandu bżonn li jkompli jħares dak li beda u jippjana għal ġejjieni. Jeħtieġ

li jinsabu aktar żgħażagħ iddedikati għax-xogħol. Aktar ħassieba għal waqt il-laqgħat ta' l-ippjanar tal-ħidma. Il-Kumitat għandu jara kif jieħu ħsieb lit-tfal tar-raħal għax fihom trid tinżera' ż-żerriegħa li xxettel futur aħjar. Hu għandu sfida oħra quddiemu li jkun lest il-bini tal-Knisja l-Ġdida u qed jagħmel sew li qed jgħin fil-finanzi ta' dal proġett li hu tant għal qalbu.

Il-poplu Vendriż hu grat ħafna għal dan il-Kumitat għax kellu jkun hu li qajmu min-nagħsa ħelwa ta' l-apatija li kien fiħa. Kien hu li qajjem kuxjenza biex nibżgħu għall-patrimonju Vendriż għax ried jagħti identita' sħiħa lir-raħal ta' Santa Venera. Issa din l-identita' hi obbligu tagħna lkoll li nħarsuha.

## Bibliografija


- *"Il-Festa ta' S. Vendra fil-bidu tas-Seklu XX"* - P. Manwel Gatt O.Carm. (Programm tal-Festa 1977)
- *"Min kienet Santa Venera V.M."* - Kav. Raphael Bonnici Cali. (Programm tal-Festa 1995)
- Intervisti ma' : - Patri Renato Valente O.Carm.<br>Is-Sur Frans Coleiro<br>Provinċjal Patri Robert Farrugia O.Carm.
- Programmi tal-Festa ta' Santa Venera.
- Minuti tal-Kumitat Festi Esterni Sta. Venera V.M. - A.D. 1971
- Laqgħat Ġenerali Annwali u Straordinarji tal-Kumitat Festi Esterni Sta. Venera V.M. - A.D. 1971




*L-għeluq tal-Festa ta' Santa Venera V.M. 1995*